MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2007

Mandat Numru. 1344/2007/1

**Michael Agius**

**vs**

**Rita Caruana**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Rat ir-risposta.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi r-rikorrent permzz ta` din il-procedura irid izomm lill-intimata milli tbiegh dar li huwa jallega nxtrat

minnha in kwantu ghal nofs indiviz fl-interess tieghu. L-intimata tghid li d-dar mixtrija minnha wahedha u s-sehem tieghu kellu jkun li jghinha f`kaz ta` bzonn.

Il-ligi tipprova ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni fl-Art. 873 tal-Kap. 12 li jipprovdi li:

*"Il-Qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet"*.

Il-partijiet f`dan ir-rikors kellhom relazzjoni twila bejniethom. Ir-rikorrent kien gia` mizzewweg qabel u kellu t-tfal. Bejniethom il-partijiet kellhom tifel. Meta l-intimata xtrat id-dar in kwistjoni ir-rikorrent assuma d-debitu maghha. Mid-dokumenti esibiti, il-Qorti rat li kellu sehem attiv fil-process kollu tal-akkwist u l-hlas. Fil-fatt, il-hlas tad-dejn qed isir minnhom it-tnejn.

Min dan kollu il-Qorti tinsab sodisfatta li r-rikorrent ghandu *prima facie* d-drittijiet li jghid li ghandu.

Ikun ghalhekk ta` pregudizzju ghalih jekk id-dar in kwistjoni tinbiegh.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qort tilqa` t-talba kif dedotta fir-rikors promotur.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------